C/2026/4642

31.8.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12601 – ALLIANZ / INGENICO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4642)

1. Fis-17 ta' Awwissu 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Allianz SE ("Allianz", il-Ġermanja);

— Poseidon Holdco S.A.S. (flimkien mas-sussidjarji tagħha l-"Ingenico Group", Franza), li bħalissa hija indirettament proprjetà ta' fondi ġestiti u mogħtija pariri minn Apollo Capital Management, L.P. (l-Istati Uniti) u kkontrollata minnhom.

Allianz se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Ingenico Group kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni se titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Allianz hija kumpanija globali tas-servizzi finanzjarji, attiva fl-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja u l-ġestjoni tal-assi.

— Ingenico Group huwa manifattur u fornitur globali ta' terminals ta' pagament fil-punt tal-bejgħ u soluzzjonijiet u servizzi relatati ta' aċċettazzjoni ta' pagamenti, inkluż software u applikazzjonijiet ta' terminals ta' pagament, ipprovduti lill-banek, lill-akkwirenti, lill-forniturі ta' servizzi ta' pagament u lin-negozjanti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12601 — ALLIANZ / INGENICO

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË